MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 288/2005

Wara l-mandat ta’ Sekwestru Numru 391/05 fl-ismijiet:

Carmelo sive Charles Pace
vs
Michael Sultana, Aronne sive Ronnie Cacciattolo u Mario Debattista

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-Sekwestrati Michael Sultana et li bih ippremettew:

1. Illi permezz ta’ mandat ta’ sekwestru ezekuttiv fin-numru u fl-ismijiet premessi, is-sekwestrant kien talab l-ezekuzzjoni ta’ taxxa ufficjali ta’ spejjez legali mahruga in konnessjoni mac-citazzjoni numru 1038/91RCP fl-ismijiet “Mario Debattista et vs Carmelo sive Charles Pace et”, kancellata fis-27 ta’ Marzu 2001;

2. Illi dan il-mandat kien identiku ghal mandat ta' sekwestru ezekuttiv precedenti mahrug fl-istess ismijiet, liema mandat ta' sekwestru kien gie revokat mill-Qorti permezz ta' kontro-mandat Numru 185/05, wara li s-sekwestrati kienu ddepositaw l-ammont mitlub mis-sekwestrant permezz ta' Cedola ta' Depozitu Numru 95/05 Dok. A u Dok. B prezentati mar-rikors;

3. Illi r-raguni ghall-hrug mill-gdid ta' mandat ta' sekwestru identiku dehret li kienet il-fatt illi l-flejjes depositati permezz tac-cedola msemmija kienu nstabu mizmuma mill-Qorti in konsegwenza ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug kontra l-istess sekwestrant Carmelo sive Charles Pace . Kjarament, pero`, jekk is-sekwestrant odjern kien impunja l-validita` tal-hlas li kien sar permezz tac-cedola ta' depositu msemmija, kien jispetta lilu li jimpunja l-kontro-mandat imsemmi mahrug mill-Qorti, u mhux li jintavola rikors ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru iehor, f'tentattiv car illi jizvija lill-Qorti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, b'referenza ghall-artikolu 283A(1) tal-Kap. 12 Ligijiet ta' Malta, talbu lill-Qorti sabiex il-Mandat ta' Sekwestru fin-numru u fl-ismijiet premessi jigi mhassar u revokat ghar-ragunijiet premessi, wara s-smiegh mehtieg ai termini ta' l-istess artikolu.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Carmelo sive Charles Pace li eccepixxa:

Illi t-talba ta' Michael Sultana et ghat-thassir u revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 391/05 fl-istess ismijiet premessi kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-intimat igawdi minn titolu ezekuttiv fit-taxxa ufficjali tal-kawza fl-ismijiet "Mario Debattista et – vs – Carmelo sive Charles Pace et" liema taxxa ma kenitx giet attakkata skond il-ligi (Artikolu 353 [c] tal-Kap. 12).

2. Illi in ezekuzzjoni ta’ dan it-titolu ezekuttiv l-intimat kien talab u ottjena l-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv numru 89/05 fl-istess ismijiet premessi.

3. Illi l-intimati (rikorrenti f’din il-procedura) kienu ddepozitaw l-ammont sekwestrat bl-imsemmi Mandat ta’ Sekwestru 89/05 u cioe` s-somma ta’ Lm491.08, flimkien mas-somma ta’ Lm40 bhala spejjez tal-procedura tal-Mandat.

4. Illi dan id-depozitu kien irritu u null “ab initio” peress:

1. L-ammont depozitat ma kien gie qatt offrut lill-intimat kreditur, u ghalhekk id-depozitu ma kellux effett jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida [Artikolu 1174 Kodici Civili].

2. Id-depozitu ma kienx jinkludi l-ispejjez kollha tal-Mandat ta’ Sekwestru li f’dan il-kaz jammontaw ghal Lm75.41 kif jidher mit-taxxa ufficjali unita mar-risposta u mmarakata Dok. “CP1”, u l-anqas l-ispejjez ta’ l-eventwali zbank, apparti t-taxxa tal-valur mizjud fuq drittijiet [Artikolu 1175 [c] tal-Kodici Civili]. Kreditur ma jistax jigi mgieghel jaccetta hlas bin-nieqes u ghalhekk ghandu l-jedd illi l-hlas isir bla tnaqqis l-anqas l-ispejjez tad-depozitu [Ara “Imhallef Dr. Alberto Magri et – vs – Aeroflot Russian International Airlines”, PA/GCD, 15 ta’ April 2002].

5. Illi barra minn hekk id-depozitu, li kien sar kjarament b’abbuz tal-procedura, kien semplicement “biex jehles mill-effetti ta’ l-istess Mandat” kif del resto tghid ic-Cedola, u mhux bi hlas tal-Mandat ta’ Sekwestru. Ghalhekk meta l-“hlas” li jsir bi ksur tal-mandat ta’ sekwestru d-debituri jistghu jigu mgieghla jhallsu mill-gdid [Artikolu 1155 Kodici Civili].

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti Michale Sultana et ghat-thassir u r-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 391/05 fl-istess ismijiet premessi kellha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din il-Qorti sejra tikkwota estensivament mill-kaz analogu wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 392/05 fl-ismijiet: Edward Pace vs Michael Sultana, Aronne *sive* Ronnie Cacciattolo u Mario Debattista u deciz fil-5 ta' Mejju, 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef J. R. Micallef) fejn intqal:

"Illi din hija azzjoni mahsuba biex din il-Qorti thassar Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv mahrug fit-3 ta' Marzu, 2005, fuq talba tal-intimat Edward Pace. Il-Mandat inhareg ghall-ispejjez taxxati ta' kawza mressqa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Settembru, 1991, mir-rikorrent Mario Debattista kontra l-intimat Pace u ohrajn. Ir-rikorrenti jghidu li l-Mandat ma messux intalab billi kien diga' nhareg Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv iehor kontra taghhom dwar l-istess kreditu, u huma kienu talbu u kisbu l-hrug ta' Kontro-mandat ghalih, wara li kienu iddepozitaw l-ammont mitlub fil-Mandat b'cedola taht l-awtorita` tal-Qorti. Ghalhekk, qeghdin jghidu li ladarba sar il-hlas, il-Mandat ta' Sekwestru l-gdid ghandu jithassar;

Illi l-intimat ezekutant iwarrab ir-ragunament tar-rikorrenti billi jghid li l-Mandat inhareg bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li ghadu fis-sehh, u billi jqis li d-depozitu bic-cedola ma jiswiex ghaliex il-hlas la kien offrut qabel ma sar id-depozitu u lanqas gie depozitat l-ammont kollu, billi la kien jinkludi l-ispejjez kollha tal-Mandat (Nru. 88/05) innifsu u lanqas it-Taxxa ghall-Valur Mizjud;

Illi fuq il-fatti kif sehhew ma jidhirx li bejn il-partijiet hemm nuqqas ta' qbil. Lanqas ma jidher li huwa kontestat li, qabel ma r-rikorrenti ghaddew biex iddepozitaw il-flus, l-ebda offerta ma saret lill-intimat ezekutant jew lill-avukat tieggu. Ir-raguni msemmija fic-cedola li ghaliha r-rikorrenti iddepozitaw il-flus taht l-awtorita` tal-Qorti kienet "purament sabiex jehilsu mill-effetti" tal-ewwel Mandat ta'

Sekwestru (Nru. 88/05), u dan fid-dawl li “bejn il-partijiet ghad hemm proceduri ohra, u cioe` tlett kawzi ohra li ghadhom pendenti”. Fil-kontro-mandat, ir-rikorrenti jaghtu l-fatt tad-depozitu bhala r-raguni li ghalih intalab it-thassir ta’ l-ewwel Mandat;

Illi filwaqt li r-rikorrenti jghidu li l-intimat ezekutant ma setax jitlob il-hrug tat-tieni Mandat (Nru. 392/05), huma jissottomettu li, jekk l-intimat ma deherlux li d-depozitu kien jghodd, imissu attakka b’kawza s-siwi tal-Kontromandat. Min-naha tieghu, l-intimat Pace jishaq li d-depozitu ma jghoddx u li kellu kull jedd jitlob il-hrug tal-Mandat mertu ta’ din il-procedura;

Illi fil-procedura li llum ghandha quddiemha l-Qorti, il-ligi ma taghtihiex li tiddeciedi la l-mod kif l-intimat messu jew seta’ jattakka l-hrug tal-Kontro-mandat, u lanqas jekk id-depozitu kienx jiswa, ghaliex dawn huma kwestjonijiet li dwarhom iridu jsiru proceduri specifici b’decizjoni tinghata ghalihom;

Illi l-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum jinkwadra ruhu u huwa espressament imsejjes mir-rikorrenti fuq dak li jipprovdi l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma’ xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kenitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;

Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skond il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;

Illi, fil-qofol tal-kwestjoni, jirrizulta li bejn il-partijiet ghad hemm kontestazzjoni dwar jekk it-titolu ezekuttiv li bis-sahha tieghu nhareg il-Mandat impunjat ghadux fis-sehh. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk, sakemm ikun hemm provvediment gudizzjarju dwar dan, jew sakemm ma jirrizultax minn dokument jew fatt maqbul bejn il-partijiet li jipprova t-twettiq jew l-estinzjoni tat-titolu, tali titolu ezekuttiv ikollu jitqies li ghadu fis-sehh;

Illi l-Mandat – li huwa att ezekuttiv – inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv ghadu fis-sehh. Mad-daqqa t'ghajn, jidher li l-Mandat ihares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu u certament inhareg minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati;

I

lli, ghalhekk, lill-Qorti ma jirrizultalhiex li hemm raguni tajba biex l-istess Mandat jigi attakkat;"

Din il-Qorti rriflettiet dwar il-kaz minhabba li jinkombi fuqha li tara jekk taqbilx mar-ragunament moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta jew jekk kellhiex l-obbligu li taghmel xi modifiki. Jinghad li Carmelo Pace kellu titolu ezekuttiv in segwitu tal-kawza Mario Debattista et vs Carmelo Pace, liema taxxa ma gietx attakata skond il-ligi Kap 12 artikolu 253(c), li jghid:

"Taxxi ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji, mahruga favur ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit iehor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux gew attakkati skond il-ligi";

Inoltre dan kien gie segwit bil-Mandat ta' Sekwestru 89/05. Il-Qorti tixtieq ukoll tirreferi ghall-artikoli 1173 (1) u 1174 (1) tal-Kap 16 li jghidu:
"1173 (1) Jekk il-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas, id-debitur, jew dak li ghandu jedd ihallas, jista', bi spejjez tal-kreditur, jiddepozita s-somma jew il-haga li ghandha tinghata bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

"1174 (1) Id-depozitu m'ghandux l-effetti msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida."

Minhabba dan il-Qorti ma thossx li m'ghandhiex tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik milhuqa fid-decizjoni moghtija fil-5 ta' Mejju 2005 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 392/05.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba ghat-thassir u r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru 391/05.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------